# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

# Imhallef

# Onor. Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D.

Appell Numru : 117/2002

Il-Pulizija

Vs

Michael Ciappara

Illum il-Hamis 4 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Michael Ciappara quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta' Gunju, 2000 u/jew qabel din id-data naqas li javza lill-E.T.C. li haddem mieghu lil Joseph Long u lil Josephine Zahra u dan ai termini ta Att XXVIII tal-1990, Art 3 (a) tal-A.L. 110/93, Art 10 tal-A.L. 110/93.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju, 2002, li biha wara li rat l-Art. 3(a) u 10 A.L. 110/93 u 51 Att. XXVIII/1990 iddikjarat li qed issib lill-imputat hati u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' LM100.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Mejju, 2002 li bih talab li din il-Qorti jogghobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull piena u htija.

Semghet ix-xhieda ta' Lawrence Buhagiar, Fiorenzo Dimech u Benedict Falzon fl-udjenza tal-lum;

Rat illi d-difiza ssollevat il-punt illi l-prosekuzzjoni resqet biss lix-xhieda Lawrence Buhagiar, Fiorenzo Dimech u Benedict Falzon, it-tlett ufficjali tal-Employment and Training Corporation (ETC) u ma ressqitx ukoll lill-Joseph Long u Josephine Zahra nee' Ciappara u li ghalhekk ma ngibitx l-aqwa prova ghaliex ix-xhieda ta' dawn it-tlieta tikkostitwixxi biss 'hearsay evidence';

Rat l-adezjoni tal-prosekuzzjoni ghal din is-sottomissjoni;

Ikkunsidrat :

Illi x-xhieda tal-ufficjali tal-Employment and Training Corporation (ETC) zgur li ma hix l-ahjar prova tar-relazzjoni ta' impieg li Long u Zahra seta' kellhom mal-appellant, ghaliex l-ahjar prova kienet tkun ix-xhieda ta’ dawn iz-zewg individwi u ghalhekk l-evidenza tal-prosekuzzjoni hija bazata biss fuq ‘hearsay evidence’.

Ghal dawn il-motivi u fl-assenza ta’ kull prova ohra,  din il-Qorti ma ghandix alternattiva hlief li tilqa l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Reg.

04.07.2002